TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 26/11

**Michael Cumbo**

**vs**

**Melita plc**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab biex jitwaqqaf il-kuntratt u ma jħallasx kontijiet pendenti minħabba l-fatt illi ma baqax jara futbol Taljan.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien daħal f'kuntratt mal-Melita u l-istess rikorrenti kellu l-għan prinċipali biex jara l-futbol Taljan, pero' pendenti l-kuntratt li kellu dan is-*service provider*, jiġifieri l-Melita waqfet il-futbol Taljan, is-servizz tagħha, u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi s-servizz ta' l-isports kienet offerta għal tliet xhur biss u wara tliet xhur l-offerta spiċċat, tant li wara tliet xhur ir-rikorrenti talab *downgrade*, u kif ukoll 'Premium Channels' mhumiex marbuta bit-terminu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-għan prinċipali tar-rikorrenti kien biex jara l-futbol Taljan u fil-fatt dan is-servizz spiċċa u ma kienx għadu jingħata mis-soċjeta' intimata.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi r-rikorrenti kellu ammont ta' ħmistax-il ewro, u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€15.52) bħala kontijiet pendenti u baqagħlu li jittermina s-servizz.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawża, billi jordna lir-rikorrenti jħallas l-ammont ta' ħmistax-il ewro, u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€15.52), bħala kontijiet pendenti, pero' jordna illi s-servizz jiġi maqtugħ mingħajr ma jħallas l-'Early Termination Fee', bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888